**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-30 ta' Novembru 2022**

Kaz Nru: 341/10

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Jesmond J. Borg)

**kontra**

**ENRICA FARRUGIA**

(Detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 76588(M))

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata, **Enrica Farrugia** ta' 22 sena, bint Carmelo u Maria Theresa nee Callus, imwielda Pieta' nhar it-8 ta' Frar 1988, residenti 42, Triq Samuel Taylor Coleridge, Gzira u detentriċi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 76588M, akkużata talli f'dawn il-gzejjer, fis-16 ta' April 2010, kif ukoll f'dawn l-aħħar ħames xhur, f' ħinijet differenti u fi bnadi oħra f' Malta:

1. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura d-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i, minghajr ma kellek licenzja tal-President ta' Malta, u minghajr ma kont awtorizzata bir-regoli tan-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew min xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur ta' regolament 4 tar-regolamenti tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 291/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellek fil-pussess tieghek d-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew iforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tiegħek skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga nstabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħek.

3. Kellek fil-pussess tieghek d-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li

timmanifattura, jew iforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tiegħek skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Kellek fil-pussess tieghek d-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew iforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tiegħek skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputata titressaq quddiem din il-Qorti biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta[2];

[1] Fol. 5 tal-atti processwali
[2] Fol. 164 tal-atti processwali

Rat ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi li kienu gia instemghu minn din il-Qorti diversament ippreseduta[3];

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat illi permezz ta' digriet mghoti minn din il-Qorti (diversament preseduta) nhar l-14 ta' Jannar 2019, din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga u rreferiet lill-imputata quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga[4];

Rat in-nota pprezentata mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nhar l-20 ta' Novembru 2020 permezz ta' liema din il-Qorti giet infurmata li l-imputata kienet temmet il-careplan imfassla ghaliha b'succes;

Rat ix-xhieda tar-Registratur tal-Qorti u Tribunali Kriminali li kkonfermat li l-imputata fadlilha biss il-kaz odjern pendenti quddiem din il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

A. Fatti tal-Kaz

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Jesmond J. Borg** esebixxa l-istqarrija ta' l-imputata meħuda fil-preżenza ta' WPS 86 Diane Fenech[5] u xehed illi fis-6 ta' Marzu 2010 il-pulizija kienu marru jesegwixxu mandat t'arrest fil-konfront tal-imputata. Għall-ħabta ta' sagħtejn ta' wara nofsinhar kienu raw lill-imputata ħierġa mid-dar tagħha fi Triq Colleridge Gzira u kif daħlet fil-karozza t' ommha tal-marka Citroen Saxo bin-numru ta' reġistazzjoni HAT127 il-pulizija waqfuha u għamlu tfittxija fuqha. Il-pulizija fittxew ukoll fid-dar ta' l-imputata u sabu handbag fuq il-mejda tal-kċina li fih instabu (7) qratas b' sustanza kannella suspettata erojina fihom. L-imputata ttieħdet id-Depot fejn wara li ngħatat is-solita twissija ttieħdetilha stqarrija wara li rrifjutat id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-istqarrija. L-imputata ammettiet li kienet ilha ħames xhur

[3] Ara fol. 167 tal-atti processwali
[4] Fol. 126 tal-atti processwali
[5] Ara a fol 15 sa 17 tal-Proċess

tabbuża mid-droga kokajina u Erojina u kienet tixtri madwar ħames pakketti fix-xahar mingħand wieħed Għarbi li kien jiffrekwenta il-Guest House bl-isem ta' Alibaba. L-imputata spjegat li kellha ħames pakketti fil-baskett tagħha meta qalet li kient tixtri ħamsa fix-xahar għaliex xtrathom bil-ħmistax-il Ewro kull pakkett għal kull gramma. Ix-xhud xehed li huwa ħa l-istqarrija ta' l-imputata u din ta' l-aħħar għażlet li ma' tiffirmax l-istqarrija.

2. **WPS 86 Diane Fenech** xehdet illi fis-7 ta' Marzu 2010 hija kienet xud ta' l-istqarrija ta' l-imputata liema stqarrija ttiehdet wara li l-imputata ingħatat is-solitu twissija. L-imputata għażlet li ma tiffirmax l-istqarrija li ttieħditilha.
3. **Ramona Camilleri** prodotta mill-prosekuzzjoni xehdet illi kien bagħat għaliha l-ispettur Johann Fenech u hija kienet irraxxata stqarrija fis-16 ta' April 2010 u din l-istess stqarrija kienet sussgwentament ġuramentata quddiem Maġistrat ai termini tal-artikolu 24A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ix-xhud xehdet illi kienu ttieħdu proċeduri kontra tagħha u li ġew konklużi. Ix-xhud qalet illi l-pulizija kienu arrestawha għaliex kien sar rapport u ġiet arrestata u instab xi foil għandha. Ix-xhud xehdet li kienet tabbuża mid-droga smack cocaine liema droga ix-xhud qalet li darba minnhom xtratha mingħand l-imputata. Ix-xhud qalet li fi-fatt kienet xtrat id-droga mingħand l-imputata l-ġurnata qabel ma' ġiet arrestata u kienet ħallset tlettin Ewro tagħha (€30). Ix-xhud kompliet tgħid illi hija kienet iltaqgħet ma' l-imputata biex tixtri d-droga fi triq fejn toqgħod u cioe 10, Samuel Taylor Colleridge Gzira. Ix-xhud qalet li kien hemm drabi oħra meta xtrat mill-imputata iżda ma setgħetx tiftakar kemm-il darba. Ix-xhud qalet li kienet ilha tlett snin tabbuża mid-droga u mhux dejjem xtrat mingħand l-imputata fil-fatt hija identifikat persuna ohra li gieli xtrat id-droga minghandu. Fl-istess xhieda wara li l-Ispettur qralha l-istqarrija guramentata li kienet irrilaxxata hija ikkonfermata mill-gdid bil-gurament. F' din l-istqarrija ġuramentata tagħha x-xhud kienet qalet illi kienet ilha tabbuża mid-droga eroina għall-tlett snin u kienet tieħu pakkett ta' tlettin Ewro kuljum. L-aħħar li kienet ħadet kien il-ġurnata qabel ma' ttieħdetilha l-istqarrija u xehdet li kienet tieħu l-erojina billi taħraqha. Ma nstabet l-ebda droga fuqha meta ġiet arrestata għaliex kient għadha kif ħaditha. Apparti mingħand l-imputata kienet tixtri mingħand ċertu Darren li kien joqgħod fid-dar ma' Enrica u kien minn Ħal-Qormi. Dan Darren kellu karozza tat-tip Passat Silver. Ix-xhud kompliet tgħid li kienet tixtri mingħandhom kuljum daqqa tiftiehem ma' Enrica u daqqa' ma dan Darren. Hija kienet iċċemplilhom u jmorru fit-

triq fejn huma ukoll kienu joqgħodu u kienu jgħaddulha d-droga ġewwa borża tal-plastic. Ix-xhud ġiet murija ritratt u kkonfermat illi dak kien Darren li kienet semmiet fl-istqarrija.

4. **Ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur f' dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza esebita bħala Dok. JB1 fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2012, xehed fs-16 ta' Ottubru 2013 u esebixxa r-rapport tiegħu bħala Dok GS[6]. Huwa xehed illi instabet is-sustanza Kokaina minn tracci mehuda minn fuq flixkun u d-droga Eroina fl-ammont ta' 2.65 grammi u b'purita ta' 26% minn gewwa sachets elevate mill-handbag.
5. **L-Espert Dr Martin Bajada** li ġie maħtur f' dawn il-proċeduri sabiex jeżamina l-kontenut ta' żewġ mobile phones xehed fil-11 ta' Marzu 2014 u eżebixxa r-rapport tiegħu bħala Dok. MB[7] fejn spjega l-ghaliex ma setghax jaccessa l-informazzjoni mizmuma fuq l-istess mobiles;
6. **PS 1044 Gordon Calleja** xehed li fis-6 ta' Marzu 2010 huwa kien ingħata struzzjonijiet mingħand l-Ispettur Borg sabiex fuq mandat maħruġ fuq l-imputata jmorru jagħmlu tfittxija fir-residenza tagħha. Waqt din it-tfittxija kienu elevaw seba' (7) qratas b' sustanza kannella fihom kif ukoll tlett (3) mobile phones. Ix-xhud kompla jgħid li minn ġewwa l-kamra tal-banju elevaw flixkun forma ta' pipa sabiex jintuża biex tittieħed id-droga. Ix-xhud kompla jgħid li l-imputata kienet ġiet arrestat u meħuda d-depot għal aktar investigazzjoni. Kompla jgħid illi flimkien miegħu kien hemm PS579 u WPC297.
7. **WPS 127 Carmen Gauci** xehdet li fis-6 ta' Marzu 2010 hija flimkien mas-Surġent Antoine Micallef u membri oħra tal-korp li ma' kienitx taf min kienu, marru jagħmlu tfittxija fir-residenza ta' l-imputata fl-indirizz No. 42, Triq Samuel Colleridge, Gzira u dan għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2.00pm). Ix-xhud xehdet li ġo handbag sabu żewġ kantunieri bi trab kannella ġo kantuniera tal-plastic trasparenti. Xehdet ukoll li sabu ukoll pakkett tar-Rothmans aħmar li minn ġo fih ġew elevati ħames pakketti bi trab kannella ġo kantuniera ta' plastic trasparenti. Xehdet ukoll li ġew elevati tlett (3) mobile phones, xi flus, u żewġ ID cards – waħda ta' l-imputata u l-oħra ta' Darren Mizzi.
8. **WPS297 Leanne Spiteri** xehdet illi fis-6 ta' Marzu 2010 hija flimkien ma' kollegi tagħha kellhom mandat għat-tfittxija u arrest fuq l-imputata Enrica Farrugia fil-Gzira. Malli wasslu hemm raw lill-imputata ġewwa karozza tat-tip Citroen Saxo bin-numru ta' reġistrazzjoni HAT127 u waqqfuha. Ix-xhud xehdet illi l-imputata kienet fetħitilhom il-bieb tar-

[6] Ara a fol. 34 sa 52 tal-Proċess.
[7] Ara a fol. 76 sa 80 tal-Proċess

residenza biċ-ċavetta. Ix-xhud kompliet tixhed illi waqt tfittxija fir-residenza tal-imputata hi u WPC 127 sabu handbag li kien fih seba' (7) qratas b' sustanza kannella suspettata erojina fihom. Ix-xhud kompliet tixhed li minn ġewwa l-kamra tal-banju elevaw flixkun forma ta' pipa. L-affarijiet ġew elevati u meħuda d-Depot għal aktar stħarriġ.

9. **L-Ispettur Johann Fenech** xehed illi fis-16 ta' April 2010 PS579 u WPS86 u membri oħra tal-korp kienu għamlu *search* ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAB 358 u sussegwentament ġewwa residenza ta' tfajla li kienet passiġiera f' din il-vettura filwaqt li x-xuffier kien il-partner tagħha. Fid-dar, il-pulizija sabu xi affarijiet relatati mad-droga. Ix-xhud qal li t-tfajla kienet Ramona Camilleri li ġiet mitkellma fit-tul minnu fl-uffiċċju tiegħu fejn irrilaxxat stqarrija wara li ngħatat is-solitu twissija u sussegwentament ikkonfermat l-istess stqarrija bil-gurament quddiem il-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit. Ix-xhud xehed li Ramona Camilleri qalet li kienet ilha tieħu d-droga Erojina għal xi tlett snin u kienet tieħu pakkett ta' tlettin Ewro (€30) jew gramma kuljum. Ix-xhud kompla jgħid li l-imputata qaltlu li l-aħħar li kienet ħadet kienet il-ġurnata ta' qabel ma' ġiet arrestata u spjegat li l-foil li kienet instabet kienet tużahha biex taħraq l-Erojina. Ix-xhud kompla jgħid li Ramona Camilleri kienet qaltlu li kienet tixtri doża droga kuljum mingħand l-imputata li kienet toqgħod fl-istess triq tagħha u kienet tagħmel kuntatt magħha billi kienet iċċemplilha fuq il-mobile tagħha imbagħad kienet tmur quddiem id-dar tagħha. fejn kienet tgħaddilha doża .
10. **PS579 Antoine Micallef** xehed li fis-16 ta' Marzu 2020 għall-ħabta tas-2:00pm flimkien ma WPS 127 u WPS 297 għamlu tfittxija fir-residenza ta' Enrica Farrugia fejn minn ġewwa handbag fil-kċina sabu pakkett sigaretti li minnu elevaw seba' (7) qratas b' sustanza kannella suspettata erojina u għaddewhom lill-Ispettur Jesmond Borg. Ix-xhud kompla jixhed li huma kienu interċettaw lill-imputata ħierġa mid-dar flimkien m' ommha u imbagħad reġgħu daħħlu ġewwa ma' l-imputata biss.

Illi fir-rigward tal-mertu tal-proceduri odjerni, l-imputata ghazlet li ma tressaq l-ebda prova u dana hekk kif hija kellha kull dritt li taghmel.

B. <u>Kwistjoni Preliminari – L-istqarrija tal-imputata</u>

Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tindirizza r-reita o meno tal-imputata odjerna ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha, din il-Qorti ser titratta l-kwistjoni tal-istqarrija li l-imputata rrillaxxat lill-pulizija fi stadju tal-investigazzjonijiet konnessi mal-proceduri odjerni. Din l-

istqarrija[8] giet irrillaxxata nhar is-7 ta' Marzu 2010 fid-disgha u nofs ta' filghodu u dana minghajr ma l-imputata giet offruta d-dritt ghall-assistenza legali la qabel u wisq inqas waqt l-istqarrija. L-imputata kienet ghazlet li ma tiffirmax l-istqarrija rrillaxata minnha. Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti li jistghu jiggustifikaw dan in-nuqqas. Konsegwentament jirrizulta li l-imputata ma gietx offruta d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija b'mod sistematiku kif kien qed jigri f'kazijiet ohra dak iz-zmien u dan fid-dawl tal-ligi vigenti dak iz-zmien li ma kienet tipprovdi ghall-ebda forma ta' assistenza legali la qabel u lanqas waqt it-tehid tal-istqarrija. Minn qari tal-istqarrija rrillaxata mill-qua imputata jirrizulta li hija inkriminat lilha nnifisha b'referenza ghal numru ta' imputazzjonijiet.

Il-guriprudenza lokali ricenti fir-rigward tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju jidher li qed tistrieh fuq l-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, li kien jitratta ukoll sitwazzjoni fejn il-ligi domestika relevanti ma kinitx tippermetti l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u fejn ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghalfejn ma tigiex offruta l-assistenza tal-avukat. F'dan il-pronunzjament intqal:

> *"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ... "*
>
> *121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ... "*
>
> *... ... ... "139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions*

[8] Esebita fl-atti processwali bhala Dok. JB1 a fol. 15.

*of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case- specific decisions taken by the competent authorities.*

*"140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*

*"141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*

*"144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*"145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not*

*<u>irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer</u>*[9] *(see Ibrahim and Others, ... § 265).......*

*"147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*"148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.......*

*"150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

[9] Enfazi ta' dina l-Qorti

*"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter; "*

*(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

F'diversi sentenzi ricenti mogħtija mill-Qrati lokali ta' gurisdizzjoni kriminali u anke Kostituzzjonali, saret referenza ghal din is-sentenza u, sabiex anke jigi assigurat li d-dritt ghal smigh xieraq ma jigiex mittifes, il-Qrati skartaw l-istqarrijiet rrillaxati f'cirkostanzi simili bhal dawk odjerni meta gew sabiex jikkunsidraw ir-responsabilita' tal-imputat li jkun[10]. Għaldaqstant dina l-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni tal-provi migbura u l-gurisprudenza riċenti relatata mal-valur probatorju li hija ghandha tagħti l-istqarrija, mehuda f'cirkostanzi simili għal dawk tal-kaz odjern, partikolarment il-fatturi stabbiliti sabiex isir l-analiżi tal-*overall fairness* tal-proċeduri, ma hijiex tal-fehma li jkun opportun li tistrieh fuq l-istqarrija sabiex tistabillixi r-reita o meno tal-imputata għall-imputazzjonijiet odjerni u għaldaqstant ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istess stqarrija.

C. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar htija o meno</u>

i. Traffikar tas-sustanza eroina

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda t-traffikar tal-eroina "fis-16 t'April 2010 u f'dawn l-ahhar hames xhur". Illi l-unika prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni hija x-xhieda ta' Ramona Camilleri li kemm fl-istqarrija guramentata ai termini tal-artikolu 24A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll fix-xhieda taghha viva voce quddiem din il-Qorti xehdet li kien hemm drabi fejn xtrat is-sustanza eroina minghand il-qua imputata. Fix-xhieda taghha Camilleri taghmel referenza specifika ghall-gurnata ta' qabel giet

[10] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

arrestata u tghid li dakinhar kienet xtrat is-sustanza eroina minghand il-qua imputata. F'dawn it-cirkostanzi u tenut kont li x-xhud Camilleri baqghet konsistenti fil-verzjoni taghha minkejja t-trapass taz-zmien din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputata giet sufficjentament ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

ii. Pussess Aggravat tas-sustanza eroina

Permezz tat-tieni imputazzjoni Farrugia tinsab akkuzata li hija kienet fil-pussess tas-sustanza eroina f'cirkostanzi li jindikaw li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha. Jibda biex jinghad li mill-provi jirrizulta mhux kontestat li s-sustanza eroina kienet fil-pussess xjenti tal-imputata. Fil-fatt l-imsemmija sustanza instabet fir-residenza taghha u adirittura fil-handbag taghha gewwa l-kcina. Ghaldaqstant dak li jibqa li jrid jigi determinat huwa jekk l-imsemmija sustanza kinitx intiza ghall-uzu esklussiv ta' Farrugia biss jew xort'ohra.

Fis-sentenza i<u>l-Pulizija vs. Jason Mallia</u>, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

L-istess *ratio* gie kkonfermat fis-sentenza <u>il-Pulizija vs Lawrence Fabri</u> mghotija ukoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) nhar is-27 ta' April 2017.

Fir-rigward tal-ammont tad-droga, s-sentenzi mghoti mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali dejjem sostnew li dan il-fattur ghandu dejjem jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom id-droga tkun instabet. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet <u>il-Pulizija vs. Ernest Briffa</u> nhar is-26 ta' Jannar 2021 fejn intqal:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell*

*Kriminali* ***Il-Pulizija v. Noel Borg*** *deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*

> *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].) Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"*

Stabbiliti dawn il-principji, mill-provi mressqa fil-kaz odjern jirrizulta li s-sustanza eroina instabet fir-residenza tal-imputata gewwa l-kcina fil-handbag tal-istess imputata. Illi fl-imsemmi handbag instabu zewgt iqratas loose filwaqt li go kaxxa tar-Rothmans instabu hames qratas ohra. Mir-

relazzjoni tax-xjenzat Sammut, jirrizulta li l-piz ta' dawn il-qratas kien wiehed simili: 0.43g; 0.32g; 0.43g; 0.35g; 0.39g; 0.37g; u 0.36g. Il-fatt li nstabu seba' qratas, kull wiehed b'piz simili, huwa indikattiv li din is-sustanza kienet intiza ai fini ta' spacc u mhux biss ghall-uzu tal-imputata b'mod esklussiv. Ta min jghid ukoll li dawn il-qratas kienu mizmuma gewwa handbag u cioe' f'basket li facilment jistgha jingarr barra mid-dar. Dan ukoll huwa indikattiv ta' uzu mhux esklussiv mill-imputata. Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi din l-imputazzjoni.

iii. Pussess semplici tas-sustanza eroina

Illi mill-provi mressqas fl-iter processwali odjerni, anke mill-provi mressqa ai fini tat-talba tal-imputata ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta li l-imputata kienet tikkonsma id-droga eroina. Konsegwentament din l-imputazzjoni giet ippruvata u di piu' hija meqjusa li hija kompriza u nvoluta fit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputata.

iv. Pussess semplici tas-sustanza kokaina

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li l-pulizija fil-kamra tal-banju fir-residenza tal-imputata sabu flixkun li x-xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda li kellu tracci tas-sustanza kokaina. Madanakollu hadd mill-ufficjali tal-pulizija ma kkonferma bil-gurament li l-imputata kienet l-unika residenti f'din ir-residenza. Jirrizulta ukoll li fl-istess residenza nstabu l-karti tal-identita' kemm taghha kif ukoll tal-boyfriend taghha Darren Mizzi. Madanakollu mill-provi mressqa in sostenn tat-talba ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta b'mod car li l-imputata kellha fi zmien relevanti tal-kaz odjern l-imputata kienet tikkonsma s-sustanza kokaina. Konsegwentament din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata sal-grad rikjesta mil-ligi.

D. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Illi ai fini ta' piena, dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputata qed tinsab hatja; l-fedina penali aggornata tal-imputata; kif ukoll il-fatt li t-tielet imputazzjoni hija kompriza u nvoluta fit-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputata. Din il-Qorti ser tikkunsidra ukoll il-fatt li hekk kif inghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga u li l-imputata giet

riferuta quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga. Din il-Qorti ser tqis ukoll il-fatt li skond l-istess Bord, l-imputata temmet il-pjan ta' kura mfassal ghaliha b'success.

Mix-xhieda prodotta fl-iter processwali jirrizulta li l-imputata ghamlet l-*evening programme* mal-Agenzija Caritas u li fis-sena 2013 kienet għamlet ħames xhur program residenzjali u t-testijiet ta' l-urina dejjem kienu *clean* u kienet sejra tajjeb. Minn assessment tal-imputata li kien sar qabel ma' daħlet għall-program kien ġie identifikat li l-imputata kellha problema kbira tad-droga u fil-fatt l-effett ta' droga kien jidher fuqha anke mill-atteġjament tagħha. Fil-fatt jirrizulta li l-imputata kienet bdiet tieħu d-droga ta' sittax-il sena u ġieli kienet tabbuża mid-droga lejl u fuq medda ta' ħamest ijiem mingħajr ma' tersaq lejn id-dar. L-imputata għamlet il-program għaliex kienet determinata u dan għalkemm kellha tħalli tlett itfal warajha. L-imputata igradwat fis-sena 2016 mill-program u kompliet tattendi għall-*aftercare* u tħalli *urine samples* li dejjem baqgħu *clean.* Il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga kkonkluda li l-kaz tal-imputata nghalaq quddiem l-istess Bord b'success u dana in segwietu ghar-rapport favorevoli mill-Caritas.

Illi in sodisfazzjon ta' dak li jistipula l-artikolu 8(6) tal-Kap. 537, ir-registratur tal-Qrati u t-Tribunali Kriminali kkonfermat li Farrugia ma ghandhiex proceduri kriminali ohra pendenti ghajr dak odjern. Konsegwemtament ma tirrizultax il-htiega li din il-Qorti ssejjah ghandha kazijiet ohra rigwardanti l-imputata odjerna.

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi issir referenza ghal dak stipulat fl-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta:

*(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*

*Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet*

*ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*

Illi qari *ad literam* ta' dan is-subartikolu jista' jaghti x'jifhem li l-Qorti ma jkolliex l-obbligu li tapplika l-piena mandatorja ta' prigunerija f'kaz biss li din il-Qorti ssejjah lura kazijiet li kwalunkwe imputat jistgha jkollu pendenti u dan fit-termini tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537. Il-ligi hija kompletament silenzjuza ghal dak li ghandu jigri f'kaz li l-imputat, hekk kif inhu fil-kaz odjern, ma jkollux kazijiet ohra pendenti[11].

Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:

*"L-iskop ta' din il-liġi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jingħataw ċans ieħor mis-soċjetà, se jingħataw ċans ieħor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Priġunerija" jindika dan.".* [12]

Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:

*"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess sempliċi u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa għandna ċirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juża d-droga għalih imma għandu ammont ta' drogi li għalkemm ma ġiex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jeħodhom kollha hu. ... Dawn għandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibigħuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jiġu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jiġu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-ħabs bilfors b'minimu ta' sitt xhur priġunerija. Jista' ħareġ mill-vizzju, jista' qed jgħallem il-Caritas u jista' jkun qed jagħmel xogħol enormi fis-soċjetà, għax dak irid imur il-ħabs bilfors.*

*Aħna qed ngħidu li f'dik iċ-ċirkostanza rridu nagħtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li għandha l-intenzjoni li toħroġ mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza tagħha, <u>tgħajjat il-kawżi kollha li għandha l-persuna, jiġifieri jekk din għandha kawża oħra ta' serq - għax dawn ħafna drabi jkollhom kawżi oħrajn – tagħtiha sentenza waħda li mhux bilfors tkun ħabs.</u> Eliminajna xi każijiet li ma jistgħux jingħajtu bħal, pereżempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan daħal u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi minn din imma bħala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan ħareġ*

[11] Ara f'dan is-sens il-verbal maghmul fl-udjenza ____.
[12] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014

*mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux ħabs. Qed nagħtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' ħabs bilfors."*[13]

Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal ligi, nghad ukoll:

*"...il-Qorti tittrasforma ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkużat ma jeħilx il-ħabs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibagħtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-soċjetà li lest joħroġ mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment joħroġ mill-vizzju wara li l-Bord jgħid li effettivament ħareġ, dan l-akkużat jerġa' jiġi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibagħtu l-ħabs jew tagħtih piena li mhux bilfors il-ħabs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed nagħtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fiċ-ċirkostanzi jekk tibagħtux il-ħabs jew le wara li jiġru dawn l-affarijiet kollha li semmejt.*

*Irrid ngħid ukoll li jekk dan l-individwu għandu reati oħrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jiġifieri jekk dan ta xi xebgħa lil xi anzjana, jew daħħal id-droga l-ħabs, jew biegħ id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistgħu jiġu attirati quddiem din il-qorti u tagħti sentenza waħda li ma tkunx bilfors ta' ħabs. Il-qorti tara hi jekk tibagħtux il-ħabs jew le. Naħseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu."*[14]

Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn persuna ma jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga jistgha jikkommetti numru ta' reati ohra sabiex imantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li

[13] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014

[14] Kumitati permanenti għall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015

tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga.

Stabbilit dan, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, fejn:

(a) ir-reati li taghhom ser tinsab hatja huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza li l-qua imputata kellha dak iz-zmien tar-reat odjern; u

(b) l-imputata irnexxielha teghleb id-dipendenza fuq sustanzi lleciti u tirriforma hajjietha kompletament fejn illum, mix-xhieda mismugha jirrizulta li qed tghix hajja stabbli 'l boghod mid-droga,

Din il-Qorti hija tal-fehma li b'applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tinfliggi piena alternattiva minn dik ta' prigunerija effettiva.

**Decide**

Għaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), (ii) u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02; **qed issib lill- imputata Enrica Farrugia hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha. Konsegwentament, l-Qorti qed tikkundana lill-istess Farrugia ghall-perjodu ta' tminn xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sena millum.**

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hatja Enrica Farrugia sabiex thallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 412.58 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien tlett xhur millum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita' taghha taht l-artikolu 28B jekk hija tikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur